# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 1217/2019FDP**

Fl-ismijiet

**Alexander Spiteri**
**(K.I: 584291M)**

**Vs**

**Air Malta plc**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta' Diċembru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *Illi huwa impjegat mas-soċjeta' intimata AirMalta plc, bi staff number 5227.*

    2. *Illi f'Mejju 2017, is-soċjeta' AirMalta plc u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, f'dan il-każ il-Union of Cabin Crew, daħlu fi ftehim dwar skema ta' Voluntary Early Retirement Scheme (VERS) għall-ħaddiema.*

    3. *Illi b'korrispondenza tat-22 ta' Frar 2018 (DOK B), ir-rikorrent kien mistieden japplika għal-VERS peress ili kien staff member eligibbli li jagħmel dan.*

4. *Illi r-rikorrent hekk għamel u di fatti l-applikazzjoni tiegħu kienet anke acknowledged b'ittra datata 8 ta' Marzu 2018 (DOK C.)*

5. *Illi s-soċjeta' intimata għarrfet lir-rikorrent, permezz ta' email tat-8 ta' Jannar 2019, illi l-applikazzjoni tar-rikorrent għal-VERS ma kinitx ġiet aċċettata (DOK D).*

6. *Illi in segwitu għal sensiela ta' korrispondenza bejn il-partijiet, kollox kif ser jirriżulta aħjar fil-kors tal-kawża, jirriżulta illi filwaqt illi l-kumpannija ntrabtet illi tagħti l-iskema lil sittin (60) ħaddiem, hija ssostni illi l-mittenti huwa l-wieħed u sittin (61) ħaddiem u kwindi ma tistax ttih il-VERS.*

7. *Illi għal raġunijiet li ser jiġu ppruvati fil-kors tal-kawża, dan huwa skorrett u l-kumpannija intimata hija erronja tgħid u tikkonkludi dan peress illi l-mittenti jikkwalifika entro s-sittin (60) ħaddiem msemmi, u kwindi għandu, bis-saħħa tal-ftehim msemmi, jingħata l-VERS, oltre' mill-fatt illi għandu legitimate expectation għall-benefiċċju tal-iskema.*

8. *Illi għalhekk id-deċiżjoni meħuda mill-kumpannija intimata li ma tagħtix VERS lill-mittent hija deċizjoni meħuda bi ksur tal-ftehim milħuq mal-Union u kwindi bi ksur tal-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-istess rikorrent u tal-kuntratt ili s-soċjeta' intimata għandha mar-rikorrent.*

9. *Illi interpellata sabiex tagħti lir-rikorrent il-VERS skond il-ftehim msemmi, il-kumpannija intimata baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir il-kawża.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

a. *Tiddikjara u tiddeċiedi ili s-soċjeta' intimata AirMalta plc rrifjutat l-applikazzjoni magħmula mir-rikorrenti għall-VERS bi ksur tal-ftehim milħuq bejn il-Union rappresentattiva tar-rikorrenti u s-soċjeta' intimata;*

b. *Tiddikjara konsegwentement, illi r-rikorrenti huwa ntitolat jieħu l-benefiċċju tal-VERS skond l-iskema lilu offruta fit-22 ta' Frar 2018;*

c. *Tillikwida, okkorrendo jekk ikun hemm bżonn il-ħatra ta' perit nominandi, s-somma dovuta lir-rikorrenti in linea tat-talbiet hawn fuq magħmula a bażi tal-VERS 2018;*

d. *Tikkundanna lis-socjeta' intimata tħallas din is-somma li tiġi hekk likwidata ai termini tat-talbiet hawn fuq magħmula;*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Awissu 2019, kontra s-soċjeta' intimata li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni u bl-imgħax legali mid-data meta l-VERS kien dovut sad-data tal-ħlas effettiv.*

2. Rat illi fil-5 ta' Frar 2020, is-soċjetà intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet s-segwenti difiża:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet segwenti u abbażi tal-fatti kif se jiġu esposti waqt is-smigħ tal-kawża;*

2. *Illi fl-ewwel lok, is-soċjetà konvenuta ħaddmet l-iskema ta' VERS bl-għarfien sħiħ tal-Union tal-cabin crew (UCC) u kien hemm qbil dwar il-proċedura il għandha tiġi eżegwita u kif ukoll qbil dwar il-parametri tal-iskema hekk imħaddma;*

3. *Illi għaldaqstant hija għal kollox infondata l-asserzjoni tar-rikorrent li kien hemm ksur tal-ftehim mal-union, tant li effettivament ma hemm fis-seħħ ebda disputa bejn l-istess UCC u s-soċjetà konvenuta dwar it-tħaddim tal-istess skema;*

4. *Illi l-fatt il r-rikorrent kien eliġibbli japplika għall-iskema, kif kienu eliġibbli numru kbir ta' kollegi bħalu, ma tagħtih ebda intitolament awtomatiku li jibbenefika mill-iskema;*

5. *Illi hekk ukoll, anki jekk kien hemm stedina li japplika, jew li inħarġet acknowledgement mis-socjetà intimata lir-rikorrent, lanqas ma huma garanzija li kien ser jingħata l-iskema;*

6. *Illi s-soċjetà Air Malta illimitat din l-iskema għal numru pre-definit u ċioè dak ta' sittin (60) impjegat, għaldaqstant l-iskema kellha tingħalaq meta n-numru proġettat jintlaħaq;*

7. *Illi inizjalment ir-rikorrent kien ġie kklassifikat fis-67 post u għalhekk ma kienx għad hemm possibilità li jikkwalifika taħt l-iskema. Illi eventwalment tela' għall-post numru wieħed u sittin (61) wara li ftit mill-ħaddiema fl-ewwel 60 post irrinunzjaw għas-somma minħabba li ħadu impjieg alternattiv jew bidel fehmtu.*

8. *Illi hekk ukoll, anki jekk fil-61 post, ir-rikorrent xorta waħda kien barra mil-limitazzjoni ta' din l-iskema li għalqet malli ntlaħaq in-numru sittin (60).*

9. *Illi r-rikorrent ipprova jagħmel pressjoni b'kull mezz, inkluż politika, sabiex jieħu l-iskema tal-VERS iżda s-soċjetà intimata imxiet mal-ftehim u mal-parametri illi kienet qablet fuqhom mal-Union u għalhekk ma setgħetx tagħti preferenza lir-rikorrent kif kien qiegħed jitlob.*

*Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra tiegħu inkluż dawk tal-ittri uffiċjali u atti rilevanti oħra, u r-rikorrent huwa minn issa inġunt in subizzjoni.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra ulterjuri.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur, ossija:

a. Kopja tal-ftehim dwar skema ta' Voluntary Early Retirement Scheme (VERS) għall-ħaddiema;
b. Kopja ta' korrispondenza tat-22 ta' Frar 2018;
c. Kopja ta' acknowledgment b'ittra datata 8 ta' Marzu 2018;
d. Kopja ta' ittra legali datata 17 ta' Mejju 2019;
e. Kopja informali ta' ittra uffiċjali 3037/2019 datata 9 ta' Awissu 2019.

**Provi**

4. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Alexander Spiteri** ppreżentat fl-14 ta’ Ottubru 2020 u rat id-dokumentazzjoni annessa miegħu (fol 28-44).

5. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **James Genovese** fis-seduta tad-9 ta’ Frar 2022 u rat id-dokumenti ppreżentati minnu (fol 58-73).

6. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Ian Gauci Borda** fis-seduta tat-12 ta’ Mejju 2022 (fol 77-79).

7. Rat illi fis-seduta tat-12 ta’ Mejju 2022 il-provi tar-rikorrenti ġew magħluqa.

8. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **James Genovese** fis-seduta tas-6 ta’ Ottubru 2022 (fol 81-86).

9. Rat il-kopja tas-sentenzi mogħtija fl-ismijiet *‘Antoinette Bianchi vs Air Malta plc’* ppreżentati mir-rikorrenti fit-23 ta’ Mejju 2022 (fol 89-149).

10. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami mogħtija minn **Alexander Spiteri** fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2023 (fol 151-162).

11. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **James Genovese** fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2023 (fol 163-169).

12. Rat illi fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2023 il-provi ġew magħluqa u l-kawża marret għas-sottomissjonijiet finali.

13. Rat illi r-rikorrenti ppreżenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu fit-18 ta’ Jannar 2024 (fol 171-178).

14. Rat illi fis-seduta tal-24 ta’ Jannar 2024, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata.

15. Rat illi fis-seduta tas-7 ta’ Marzu 2024 il-kawża reġgħet marret għas-sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata stante illi hija talbet sabiex jingħatalha aktar żmien.

16. Rat illi s-soċjetà intimata ppreżentat in-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha fil-21 ta’ Mejju 2024 (fol 183-191).

17. Rat illi fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2024 il-kawża marret għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

18. Jirriżulta illi l-attur kien impjegat mas-soċjetà intimata u dan mill-1 ta' Novembru tas-sena 2012.

19. Jirriżulta illi fid-19 ta' Mejju 2017, is-soċjetà intimata u l-*Union of Cabin Crew* daħlu fi ftehim dwar skema ta' *Voluntary Early Retirement Scheme*, magħrufa bħala l-VERS.

20. Jirriżulta illi r-rikorrenti fit-22 ta' Frar 2018 irċieva korrispondenza mingħand is-soċjetà intimata illi huwa kien membru tal-istaff eliġibbli biex japplika għal din l-iskema.

21. Jirriżulta illi r-rikorrenti ssottometta l-applikazzjoni għal din l-iskema tal-VERS u s-soċjeta' intimata permezz ta' ittra datata 8 ta' Marzu 2018 ikkonfermat illi rċeviet l-applikazzjoni tar-rikorrenti.

22. Jirriżulta illi fit-8 ta' Jannar 2019 ir-rikorrrenti rċieva email mingħand is-soċjetà intimata li permezz tagħha hija nfurmatu li l-applikazzjoni tiegħu għall-iskema tal-VERS ma kinitx ġiet aċċettata.

23. Jirriżulta illi skont l-istess soċjetà intimata din l-iskema kienet immirata għal sittin ħaddiem (60) u r-rikorrenti kien ġie kklasifikat fit-tmienja u sittin (68) post illi imbagħad eventwalment tela' fil-wieħed u sittin (61) post u *quindi* ma setgħax jingħata l-VERS.

24. Jirriżulta illi skont l-istess attur, l-intimata hija skorretta f'din l-affermazzjoni għaliex huwa jikkwalifika entro s-sittin (60) ħaddiem u b'hekk id-deċiżjoni tas-soċjetà konvenuta li ma tagħtix VERS lir-rikorrenti hija ksur tal-istess ftehim.

**Ikkunsidrat**

25. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti illi l-attur qiegħed permezz tal-azzjoni odjerna jitlob lil dina l-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata rrifjutat l-applikazzjoni magħmula minnu għall-VERS bi ksur tal-ftehim milħuq bejn il-Union rappreżentattiva tar-rikorrenti u s-soċjetà intimata, sabiex tiddikjara illi konsegwentament ir-rikorrenti huwa ntitolat jieħu l-benefiċċju tal-VERS skont l-istess skema offruta lilu fit-22 ta' Frar 2018, tillikwida okkorendo b'ħatra ta' perit nominandi s-somma dovuta lir-rikorrenti u dan a bażi tal-iskema tal-VERS tas-sena 2018, tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas din is-somma hekk likwidata.

26. Jirriżulta illi s-soċjetà intimata eċċepiet illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, illi s-soċjetà intimata ħaddmet l-iskema tal-VERS bl-għarfien sħiħ tal-Union tal-Cabin Crew u kien hemm qbil dwar il-proċedura li għandha tiġi eżegwita kif ukoll qbil dwar il-parametri tal-iskema, illi mhux minnu li hemm ksur tal-ftehim mal-Union u infatti ma kien hemm ebda disputa bejn l-istess Union u s-soċjetà konvenuta, illi l-fatt lir-rikorrenti kien eliġibbli li japplika għall-iskema ma jfissirx illi huwa kellu intitolament awtomatiku li jibbenefika mill-iskema, illi s-soċjetà intimata kienet illimitat din l-iskema għall-sittin (60) ħaddiem u għaldaqstant l-iskema kellha tingħalaq meta n-numru pproġettat jintlaħaq, illi inizzjalment ir-rikorrenti kien ġie kklassifikat fis-sebgħa u sittin (67) post u eventwalment tela' għan-numru wieħed u sittin (61) li xorta waħda kien barra mil-limitazzjoni tal-iskema billi għalqet malli ntlaħaq in-numru sittin (60).

## Meritu tal-każ

27. Jirriżulta illi l-kwistjoni mressqa mill-attur hija ppernjata fuq il-ftehim milħuq bejn is-soċjetà intimata u l-Union tal-Cabin Crew datat 19 ta' Mejju 2017, liema ftehim jinsab eżebit bħala Dok A anness mar-rikors ġuramentat (fol 5-8). Illi permezz ta' dan il-ftehim saret skema ta' *Voluntary Early Retirement Scheme* (VERS) għall-ħaddiema tal-istess soċjetà intimata.

28. Jirriżulta illi kif jingħad fil-ftehim stess, din l-iskema kienet indirizzata lejn *"eligible Inflight Managers and Cabin Crew employees of Air Malta p.l.c"* (fol 5). Illi l-istess ftehim jistabbilixxi l-*eligibility criteria* billi jipprovdi erbgħa kategoriji, liema kategoriji huma bbażati skont is-snin ta' servizz tal-impjegat.

29. Illi, kif jirriżulta mill-provi prodotti u addirittura huwa fatt li mhux ikkontestat, ir-rikorrenti kien eliġibbli sabiex jintavola l-applikazzjoni tiegħu għal din l-iskema tal-VERS. Infatti, kif jidher mid-Dok B anness mar-rikors ġuramentat, s-soċjetà intimata kienet bagħtet ittra datata 22 ta' Frar 2018 lir-rikorrenti sabiex tinfurmah bl-iskema (fol 9-11) fejn fiha kien hemm l-informazzjoni marbuta ma' tali skema.

30. Illi kif jispjega l-attur fl-affidavit tiegħu huwa applika fit-8 ta' Marzu 2018 u kien eliġibbli taħt "Category B":

> *"Jiena kont eliġibbli għall-iskema VRS, kategorija B, li kienet għall-ħaddiema li kienu ilhom jaħdmu mal-kumpanija għal iktar minn 5 snin imma inqas minn 10 snin u tammonta għal 60,000 ewro. Apparti jien, numru ta' kollegi li kienu daħlu mal-Air Malta u saru tal-post fl-istess ġurnata miegħi ukoll applikaw għal din l-iskema. Jien ingħatajt konferma miktuba li l-applikazzjoni tiegħi ġiet rikonoxxuta"* (fol 30).

31. Illi kif jirriżulta minn Dok C anness mar-rikors ġuramentat (fol 12), ir-rikorrenti applika għall-iskema tal-VERS fit-8 ta' Marzu 2018 u huwa kien irċieva mingħand is-soċjetà intimata *acknowledgment of receipt* għall-applikazzjoni tiegħu.

32. Illi s-soċjetà intimata kienet permezz ta' *email* eżebita bħala Dok 9 fol 41 infurmat lir-rikorrenti illi s-soċjetà konvenuta rrifjutat l-applikazzjoni tiegħu għall-iskema tal-VERS:

> "*Kindly note that your VERS application has not been accepted. Hence your employment within the Company will proceed as per your current contract".*

33. Illi r-rikorrenti fl-affidavit tiegħu jispjega s-segwenti:

> *"Wara li tlieta minn dawn iddeċidew li jieħdu skema differenti u t-tlieta l-oħra biddlu l-fehma u ddeċidew li jirtiraw l-applikazzjoni tagħhom, jien ġejt kklassifikat bħala n-numru 61, skont il-kumpanija u għaldaqstant, f'dak il-kuntest, jiena kont l-uniku ħaddiem fuq bażi full-time li kelli l-applikazzjoni tiegħi miċħuda. Dan ġie notifikat lili fit-8 ta' Jannar 2019 permezz ta' email. Ir-raġuni uffiċjali għalfejn l-applikazzjoni ġiet irrifjutata, ma ġietx imsemmija imma ġie kkonfermat verbalment minn uffiċjal tal-UCC, li qalli li*

*ġejt fin-numri 61 tal-lista u għaldaqstant ma kontx intitolat għall-iskema"* (fol 31).

34. Illi fuq dan il-punt u ċioe' l-kwistjoni ta' fejn u kif ġie kklassifikat l-attur, referenza ser issir għax-xhieda mogħtija minn James Genovese fis-seduta tad-9 ta' Frar 2022 kif ukoll għad-dokument eżebit minnu u mmarkat bħala Dok JG1 (fol 72). Fix-xhieda tiegħu huwa jsostni:

*"Ix-Xhud:*
*....Mela dawn huma in-nies, at the order of the seniority tajjeb, ta' kif applikaw għall- iskema, l- isem u l- kunjom, il- posizzjoni tagħhom, l- istaff number u imbagħad jekk ġewx imħallsin it- take comp; hemm variables illi ħadna in konsiderazzjoni.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Naħseb ħafna mid-domandi li għandi koperti minn din.*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt. Issa biex infehmek mela; hawn hekk għandek, jekk tmur wara, għax hemm wara tal- lista, għandek sebgħin applikant. Sewwa? Dawn is- sebgħin applikant kienu klassifikati skont il- kategorija li kienu ħa jaqgħu fiha. Issa imbagħad għandek nies illi verament ħadu l- iskema, nies illi kienu applikaw għall- iskema imma dak iż-żmien kien hemm ukoll skema biex in- nies jiġu trasferiti mal- Gvern u jista' jkun li l- ewwel applikaw għall- iskema imbagħad talbuna biex imorru mal- Gvern tajjeb? U jista' jkun illi kellek min reġa' ħasibha u fil- kundizzjonijiet tal- iskema kien hemm illi jrid ikun hemm agreement bejn il- kumpannija u l- impjegat illi it-tnejn qed jaċċettaw illi l- applikazzjoni li għamilt tiġi irtirata. X' iġifieri? Iġifieri jekk jiena l- applikant jgħidli isma', jiena reġa' bdieli u jiena ngħidlu le trid titlaq, kien ikollu jitlaq. Erm, pero jekk jiena ngħidlu all right, jien qed naqbel illi inti tibqa' magħna, allura nżommuh magħna u jinqala' qisu mill- qisu qatt ma applika. Sewwa?*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Okay.*

*Ix-Xhud:*
*Issa kif qed tara, Alex Spiteri huwa in- number sixty eight. Tajjeb? Issa.*

*Il-Qorti:*
*Immarkajtha hawn hekk.*

*Ix-Xhud: eżatt. Huwa in- number sixty eight. Issa, erm għandek nies imbagħad illi huma Jacqueline Brincat, Alton Scerri, Simon Gatt, Antoinette Bianchi, Ian, Antoinette Bianchi irrid nagħmel parenteżi fuqha, Ian Buckle, Moira Fenech, Rosanne Cutajar, Michelle Debono. Tajjeb? Dawn huma nies illi either ġew re-deployed mal- gvern.*

*Il-Qorti:*
*Okay, jien infatti fil- kolonna għandi miktub re-deployed, jekk tarawha hawnhekk hawn miktub re-deployed.*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt, dik tfisser,*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Hekk hu.*

*Ix-Xhud:*
*Re deployed mal-Gvern tfisser. Tajjeb?*

*Il-Qorti:*
*Jew imbagħad għandek withdrawn.*

*Ix-Xhud:*
*Withdrawn iġifieri applikaw, reġa' bdielhom u we withdrew it.*

.....

*Ix-Xhud:*
*Issa, erm allura jekk tneħħi lill dawn in- nies minn ġo din l- equation, minn ġo din il- klassifika, Alex iva jiġi in- number sixty one. Tajjeb? Iġifieri aħna is-sixty eight għalina ġie qisu is-sixty one issa. Tajjeb?*

*Il-Qorti:*
*Għax hemm sebgħa li jew ġew re deployed jew they withdrew their application"*

(fol 62-64)

35. Illi fl-ottika ta' dak kollu hawn fuq delineat, jidher illi r-rikorrenti ma ngħatax l-iskema tal-VERS għaliex ma kienx ġie kklasifikat ma' l-ewwel sittin (60) impjegat.

36. Illi b'hekk il-Qorti sejra fl-ewwel lok tanalizza din l-kwistjoni tal-*capping* ta' sittin (60) impjegat.

**Il-capping ta' sittin (60) impjegat**

37. Referenza ser issir għat-test tal-ftehim milħuq bejn is-soċjetà intimata u l-*Union of Cabin Crew* datat 19 ta' Mejju 2017. Illi dan jipprovdi kif ġej:

    *"The Company is aiming that the number of employees who will take up any of these schemes will be sixty (60)".* In oltre, *"In case that the minimum number of sixty employees taking up any of these schemes is not reached then clause 1(c) of the agreement dated 22nd August 2016 reached between the government and the union of cabin crew will take effect"* (fol 5).

38. Referenza ser issir ukoll għax-xhieda prodotta. Illi fl-affidavit tiegħu l-attur isostni*:*

    *"Fit-19 ta' Mejju 2017, kien hemm ftehim fuq il-kundizzjonijiet finali tal-VRS bejn l-Air Malta u l-UCC. F'dan il-ftehim, il-kumpanija oriġinarjament riedet*

*madwar 100 persuna li jitilqu billi jieħdu waħda mill-iskemi li kienu qed jiġu offruti. Madanakollu, il-kumpanija naqqset dan in-numru għal madwar 60 ruħ, wara diskussjonijiet mal-UCC. Għaldaqstant, fil-ftehim iffirmat issemma' li l-kumpanija qegħda timmira għal 60 ruħ biex jieħdu l-iskemi proposti. Importanti nsemmi li fl-ebda punt ma jissemma li n-numru jrid ikun eżatt 60, anzi hemm klawsola li ssemmi x'jiġri jekk il-**minimu**[1] ta' 60 ruħ ma jiġix milħuq u qatt ma jissemma' **massimu**[2] ta' 60 ruħ"* (fol 29-30).

39. In oltre, fl-istess affidavit, senjatament f'paragrafu 6 (fol 30) l-attur jagħmel referenza għal-laqgħa li għaliha kienu preżenti l-membri tal-Union, u minn naħa tal-kumpanija intimata kien hemm preżenti Roberto Cristiano (Chief Officer Human Resources), Charles Mangion (Chairman), Konrad Mizzi (Ministru tat-Turiżmu), kif ukoll il-Presidenti Emeritus Dr George Abela bħala medjatur imqabbad mis-soċjetà konvenuta. Huwa jispjega illi f'din il-laqgħa waħda mid-domandi li saret kienet x'jiġri f'każ li aktar minn sittin (60) ruħ japplikaw għall-iskema u li r-risposta mogħtija mill-kumpanija kienet illi

*"kull minn japplika, jieħu l-iskema".*

40. Illi fix-xhieda ta' James Genovese mogħtija quddiem din il-Qorti fis-seduta tad-9 ta' Frar 2022 huwa jispjega s-segwenti:

*"Ix-Xhud:*
*Mela, fid-dsatax ta' Mejju tal- elfejn u sbatax kien hemm ftehim fuq il-kundizzjonijiet finali tal- VRS bejn l- Air Malta u l- ECC. B' dan il-ftehim, il-kumpannija oriġinarjament riedet madwar mitt persuna li jitilqu billi jieħdu waħda mill- iskemi li kienu qed jiġu offruti. Madankollu il- kumpanijja naqset dan in-numru ghal madwar sittin ruħ wara diskussjonijiet. Mela, li nista' ngħidlek jiena, jiena dħalt f' Awwissu tas-seventeen naħdem mal- Air Malta.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Ftit wara dak.*

*Ix-Xhud:*
*Iġifieri x' ġie miftiehem f' Mejju tas- seventeen ma nistax ngħidlek li naf, pero' meta dħalt naħdem l-Air Malta jiena, in- numru sixty, dejjem kien imsemmi illi ħa jaghmlu, ħa jidhlu f' dil- iskema. Iġifieri sittin ruħ ħa, ħa jkunu parteċipi fi skema biex jitilqu minn mal- Air Malta, either with a volontarily redundancy; tajjeb iġfieri jitilqu.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Parti mill- iskema.*

*Ix-Xhud:*
*Għax volontarji, jew inkella early retirement, iġifieri early retirement tkun wasalt, ikollok ċertu kundizzjonijiet, tkun wasalt biex tirtira u tirtira qabel.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*

[1] Enfażi magħmula mir-rikorrenti
[2] Enfażi magħmula mir-rikorrenti

*Hekk hu. Issa fil- paragrafu sitta, is- Sur Spiteri jiddeskrivi, l-aħħar nofs, dik il-biċċa Sur Imħallef filfatt, jiddeskrivi laqgħa li saret fejn hemm is- Sur Christiana, in- Nutar Mangion, il- Ministru Mizzi il- president Emeritus Abela etcetera. Inti għal dik il- laqgħa kont preżenti mal ... kienet presentation lill-impjegati?*

*Il-Qorti:*
*Din kienet laqgħa ...*

*Ix-Xhud:*
*Li saret meta*

*Il-Qorti:*
*Fl- ahhar tat- two thousand and seventeen.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Jekk kontx preżenti biss, għax jekk ma kontx ma nistax insaqsik dwarha. Inti...*

*Ix-Xhud:*
*Jimporta nsaqsi jekk kinitx il-laqgħa li saret fil- lukanda Meridien?*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Iva.*

*Ix-Xhud:*
*Iva kont preżenti.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Kont preżenti*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Allura, hawn hekk is- Sur Spiteri fl- affidavit qed jghid illi kien hemm domanda x' ser jiġri fil- każ li iktar minn sittin japplikaw u r- risposta minn naħa tal- kumpannija, ma jgħidx minn min, ċara, kienet illi kull min japplika jieħu l- iskema. X' tista' tikkumenta fuq dan?*

*Ix-Xhud:*
*Le jiena din ma nistax nikkonfermaha. Iġifieri jekk saqsiex dik il- mistoqsija ma nistax nikkonfermaha, wisq iktar jekk kellux dik it-tweġiba.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Inżammet xi recording jew minuti tas ...*

*Ix-Xhud:*
*Ma jidhirlix dottore.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*

*... kont ha ngħidlek .. ġieli attendejt minnhom jien ukoll.*

*Ix-Xhud:*
*Ma jidhirlix dottore. Ma jidhirlix no.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Okay. Insaqsu li min kien, forsi oħrajn.*

*Ix-Xhud:*
*Jekk forsi, ma nafx, jekk forsi erm is- Sur Alex jgħidilna min tah dik ir-risposta, imbagħad forsi jittella' jixhed lilu jekk tah dik ir-risposta. Imma jien ma nistax ngħidlek.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*... naraw. Inti ma tiftakarx li saret.*

*Il-Qorti:*
*Ma kontx int żgur.*

*Ix-Xhud:*
*Ma kontx jien zgur li le.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Hekk hu le le fair enough."*

(fol 59-60 et seq)

41. Referenza ser issir ukoll għax-xhieda li l-istess James Genovese jagħti fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022 fejn fuq dan il-punt huwa jtenni s-segwenti:

*"Dr Andre Borg :*
*Eżatt. Mela emm ... Sur Genovese qabel xejn ħa nagħmillek referenza għal affidavit tar-rikorrent ... ta' Alexander Spiteri fejn fl-ewwel paġna, paragrafu 5, fil-fatt is-Sur Spiteri jgħid illi l-kumpanija Air Malta oriġinarjament riedet madwar mitt (100) persuna emm ... ta' cabin crew li ovvjament jingħataw din l-iskema. Eventwalment ingħataw sittin (60). X'tista' tgħidilna dwar dan in-numru ta' mija (100) jekk tafx bih l-ewwel nett u jekk ... kif imbagħad allura wasaltu għal sittin (60)?*

*Ix-Xhud :*
*Mela biex nispjega ftit lil Qorti ... mela jiena l-ewwel nett din il-mija (100) qatt ma smajtha. Ħa nitkellem fuqi jiena ...*

*Il-Qorti :*
*U inti għandek il-posizzjoni ta'?*

*Ix-Xhud :*
*Jiena dak iż-żmien kont Head of People iġifieri kont nirraporta liċ-Chief tal-HR ... iġifieri mhux il-posizzjoni li għandi llum. Issa qed nitkellmu li dan il-kuntratt ġie ffirmat f'Mejju ... fid-19 ta' Mejju 2017 u jiena dħalt mal-*

*Airmalta fit-28 ta' Awwissu tal-2017. Sibt dan il-kuntratt ġia' ffirmat ... mela jiena allura emm ... f'dan il-każ partikolari meta jiġri hekk, jiena ningħata l-ftehim li jkun ġie ftehim ... li jkun iffirmat f'dan il-każ bejn il-Union u l-kumpanija. U jiena l-irwol tiegħi ikun li namministra dak il-kuntratt. Sewwa.*

*Il-Qorti :*
*Timplimentah.*

*Ix-Xhud :*
*Nimplimentah. Dik hi l-kelma. Issa f'dan il-kuntratt emm ... jekk bniedem ... jekk wieħed jaqrah emm ... id-deskrizzjoni tal-partijiet ... il ... hu jgħidlek that the company is aiming at the number of employees who will take up any of these schemes will be sixty (60).*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri aħna qed nitkellmu dejjem fuq dan id-dokument li l-Qorti għandha a fol 5 li huwa l-agreement ta' 19th May 2017, correct?*

*Ix-Xhud :*
*Dak hu. Dak hu. Naqbel.*

*Il-Qorti :*
*All right prosit. Mela kompli.*

*Ix-Xhud :*
*Fuq il-hundred (100) ... fuq il-mija (100) minn fejn ġiet il-mija (100) dik ma nistax inwieġbek għax m'għandix idea. Iġifieri Alex kien hemm qabli ... forsi ma nafx kellu diskussjonijiet mal-Unions jew sema' lil Unions jgħidu ... pero' jiena ma nistax ngħidha dik ... ma nistax nikkonfermaha li xi darba instema' in-numru hundred (100). Meta dħalt ... meta dħalt jien kien hemm ġia miktub sittin (60).*

*Dr Andre Borg :*
*Sewwa emm ... iġifieri hija ċara li inti dak iż-żmien ma kontx parti minn negozjati ...*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu. Nikkonferma.*

*Dr Andre Borg :*
*Pero jekk tafx minn xi kollegi jekk qattx issemma' xi numru ikbar jew inqas?*

*Ix-Xhud :*
*Le jiena dejjem in-numru sittin (60) smajt"*

(fol 81-82)

42. Referenza ser issir ukoll għax-xhieda mogħtija mir-rikorrenti fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023, fejn meta mistoqsi fuq il-*capping* ta' sittin (60) impjegat huwa jgħid is-segwenti:

*"Dr Andre Borg :*
*Ħa nagħmel id-domanda ... bi qbil mal-union ... issa emm ... u allura ċ-ċifra ta' sittin (60) u mhux per eżempju mija (100) jew għaxra (10) jew ... din iċ-ċifra ta' sittin (60) ...*

*Il-Qorti :*
*Kif wasaltu għaliha ?*

*Dr Andre Borg :*
*Kif wasaltu għaliha ?*

*Dr Eve Borg Costanzi :*
*Jekk ma kienx involut qallek.*

*Dr Andre Borg :*
*Bħala union nassumi ...*

*Il-Qorti :*
*Imma inti kont involut b'xi mod ?*

*Ix-Xhud :*
*Le jiena ma kontx parti mill-union bħala kumitat ... jiena kont membru.*

*Il-Qorti :*
*Inti kont membru biss.*

*Ix-Xhud :*
*Kont membru biss ... jiġifieri jiena li naf li qaluli tal-union u li rajt ... li rajna mal-kumpanija.*

*Dr Andre Borg :*
*Fil fatt hekk kienet id-domanda li kont se nistaqsik ... il-union meta tinnegozja ... tinnegozja pero mbagħad suġġett għall-approvazzjoni tal-membri jiġifieri dak li ... li tinnegozja iġġibu għal vot naqblu fuq din ukoll ?*

*Ix-Xhud :*
*Naqblu.*

*Dr Andre Borg :*
*Jiġifieri allura inti bħala membru kont taf x'inhuma l-kriterji ta' din l-iskema ?*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt. Iva sa fejn naf jiena imma mill-karti li rajt jiena u li qaluli ... li smajt mingħand l-union fil-laqgħat kollha u anke mal-kumpanija ... meta kien hemm laqgħat mal-kumpanija emm ... they ... all right kien hemm numru sittin (60) imma qatt ma kien hemm eżattament sittin (60) ... kien hemm aiming for sixty (60). For up to sixty ... mhux ... ma nafx eżatt x' kien il-kliem imma qatt ma kien hemm ...*

*Il-Qorti :*
*Igifieri sixty (60) kien il-limit ?*

*Ix-Xhud :*
*Ma nafx kienx il-limit jew le … jiena qatt ma qaluli … actually le ma kienx il-limit …*

*Il-Qorti :*
*Imma inti għadek kif għidtli up to sixty (60).*

*Ix-Xhud :*
*Jista' jkun kont żbaljat … jiena jidhirli li aiming for sixty (60) l-kliem kien … ma kienx hemm exactly sixty (60) or only sixty (60).*

*Dr Andre Borg :*
*Mela ħa ntik il-benefiċċju tad-dubju jiġifieri ma tafx il-kliem … ma tiftakarx il-kliem bl-eżatt li kien miktub pero ċ-ċifra ta' sittin (60) … issa up to sixty (60) …*

*Dr Andrew Borg Cardona :*
*Con tutto il rispetto … sinjuri l-ftehim esebit. Mhux se nagħmlu memory test …*

*Il-Qorti :*
*Eżebit u li hu hu …*

*Dr Andrew Borg Cardona:*
*Qed ninduna Sur Imħallef quddiemek qiegħed … I mean ħa nagħmlu memory test ta' xi ħadd li lanqas kien involut fid-drafting tiegħu … ejja.*

*Il-Qorti :*
*Ħa nistaqsi domanda jien … inti dan il-ftehim rajtu qabel ma ġie ffirmat għax naturalment ġie approvat ?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Il-Qorti :*
*Allura la darba hawn hekk kien hawn miktub … who will take up any of these schemes will be sixty (60) … iġifieri inti kont taf li dan il-ftehim għal sittin (60) ?*

*Ix-Xhud :*
*Aiming for sixty (60) mhux …*

*Dr Andre Borg :*
*Id-domanda qed issir għaliex fil-paragrafu 5 tal-affidavit tiegħek u għalhekk nabbina n-numru sittin (60) inti tagħmel referenza għal numru mija (100) … mitt (100) impjegat li l-Air Malta riedet tneħħi mitt (100) ruħ. Tirreferi għal mija u mhux sittin (60) … allura eżatt spjega għalfejn inti fl-affidavit tiegħek*

*isemmi n-numru mija (100) u meta fil-fatt in-numru sittin (60) kien it-target li issa anki llum stess qed tgħidilna li kien bi qbil bejn l-union u l-kumpanija.*

*Ix-Xhud :*
*Jiena meta tkellimt mal-ovvjament meta jkun hemm dawn il-laqgħat imbagħad kif qed tgħid int imbagħad il-union jiġu fuq il-membri u jispjegaw x' x' kien il-ftehim mal-kumpanija. Issa jiena kont tkellimt ma' xi membri tal-union emm ... u dawn qaluli ... bdew jispjegaw x' kienet the whole process tal-ftehim jiġifieri kif għidt inti emm ... l-ewwel jibdew jinnegozjaw probabbli dejjem ikunu qegħdin hawn hekk ... imbagħad iltaqgħu in the middle. Jiġifieri jiena li qaluli tal-union li oriġinarjament ... anzi kienet bil-maqlub. Li fil-bidu fejn ... issa din ma nafx tigix hearsay jew le imma lili qaluli lili l-ministru ta' dak iż-żmien li kien Edward Zammit Lewis kien ried li tkun hundred (100) u l-union bil-maqlub ippruvaw iniżżlu n-numru emm ... jekk hux veru jew le ma nafx imma jiena għalhekk semmejt dak in-numru jiena ... qaluli l-kumpanija qablet li trid hundred (100) ... il-union qalulhom li hundred (100) mhux se jkun hemm biżżejjed nies li japplikaw għaliha u they met ... niżlu l-ammont tal-... nimmaġina up to or aiming for sixty (60).*

*Dr Andre Borg :*
*Jiġifieri terġa' kienet il-union ... fl-opinjoni tiegħek kienet il-union li emfasizzat li n-numru huwa sittin (60) ?*

*Ix-Xhud :*
*Mhux li huwa sittin (60) imma li hundred huwa wisq.*

*Dr Andre Borg :*
*Li l-hundred huwa wisq. Sewwa issa emm ... pero effettivament kif anke qal il-kollega Dr Borg Cardona dak li hu ffirmat jgħodd ?*

*Ix-Xhud :*
*Naqblu"*

(fol 152- 155)

43. Fuq din il-kwistjoni l-Qorti ma tistax ma tosservax illi huwa minnu li d-diċitura tal-ftehim datat 19 ta' Mejju 2017 fejn issir referenza għall-figura ta' sittin (60) impjegat ma hija xejn feliċi għaliex nieqsa kompletament miċ-ċarezza li tant hija importanti u essenzjali meta jiġi abbozzat ftehim. Illi in oltre, l-Qorti tosserva wkoll illi meta s-soċjetà konvenuta bagħtet l-ittra lir-rikorrenti (Dok B fol 9-11) fejn fiha nfurmatu dwar l-iskema, f'din l-ittra ma hemm xejn imsemmi, ma saret ebda referenza għall-*capping o meno* ta' sittin (60) impjegat.

44. Illi magħdud ma' dan, il-Qorti ser tagħmel referenza għax-xhieda prodotta u mressqa quddiemha. Filwaqt illi r-rikorrenti jsostni illi s-soċjetà intimata kienet qiegħda timmira li jkun hemm sittin (60) impjegat li jibbenefika mill-iskemi miftehma bejn il-kumpanija intimata Air Malta plc u l-*Union of Cabin Crew* u li b'hekk dan l-ammont ma jfissirx li huwa massimu, minn naħa l-oħra James Genovese, prodott ukoll mir-rikorrenti bħala xhud tiegħu, jsostni illi sittin (60) kien il-massimu ta' ħaddiema li setgħu jibbenefikaw mill-iskemi proposti u miftehma permezz tal-ftehim tad-19 ta' Mejju 2017.

45. Il-Qorti tinnota illi r-rikorrenti, għalkemm indikati minnu fil-lista tax-xhieda tiegħu, naqas milli jtella' bħala xhieda rappreżentanti tal-Union li kienu parteċipi fin-negozjar u fit-taħdidiet illi saru. Fl-aħħar mill-aħħar dan il-ftehim sar u ġie ffirmat mill-*Union of Cabin Crew* u mis-soċjetà konvenuta. Illi b'hekk il-Qorti tqis illi tali xhieda kienet essenzjali sabiex jintwera eżattament x'kien l-iskop wara l-figura tan-numru sittin (60).

46. Nonostante cio' r-rikorrenti għażel illi jtella' bħala xhud lil James Genovese, li kienet il-persuna inkarigata mill-implementazzjoni ta' dan il-ftehim iżda li xorta waħda ma kienx ipparteċipa fin-negozjar ta' dan il-ftehim stante illi meta ġie ffirmat u konkluż il-ftehim huwa kien għadu ma bediex jaħdem mas-soċjetà intimata. Il-Qorti tinnota wkoll illi allavolja l-attur tella' lil Ian Gauci Borda, li bħal l-attur applika wkoll għall-iskema tal-VERS, lil dan ix-xhud ma saritlu l-ebda domanda fuq jekk jafx jew le li kien hemm dan il-*capping*.

47. Ta' min ukoll issir referenza għall-paragrafu 6 tal-affidavit tal-attur. Fiha huwa jispjega illi waqt laqgħa bejn il-membri tal-Union u r-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, kienet saret domanda x'jiġri f'każ illi iktar minn sittin (60) ruħ japplikaw għall-iskema u xi ħadd mill-kumpanija intimata kien qal illi kull min japplika ser jieħu l-iskema. Madanakollu, l-Qorti għal darba oħra tirrileva illi r-rikorrenti la pproduċa bħala xhieda xi ħadd mill-ħaddiema li kienu preżenti waqt din il-laqgħa, la pproduċa l-persuna mis-soċjetà konvenuta li kienet tat dik ir-risposta u lanqas ma pproduċa lil xi ħadd li f'dik il-laqgħa kien qiegħed jirrappreżenta lill-kumpanija bħal per eżempju s-Sinjur Roberto Cristiano (li wkoll kien imniżżel fil-lista tax-xhieda tar-rikorrenti u li kien wieħed mill-firmatarji tal-ftehim).

48. Illi b'hekk il-Qorti ma għandha l-ebda triq oħra għajr li toqgħod fuq dak affermat minn James Genovese li n-numru sittin (60) kien in-numru massimu ta' ħaddiema li setgħu jibbenefikaw mill-iskemi li għalihom hemm referenza fil-ftehim tad-9 ta' Mejju 2017 u dan għar-raġunijiet hawn fuq delineati kif ukoll minħabba l-fatt li mill-partijiet għal dan il-ftehim u ċioe' l-Union u s-soċjetà intimata, l-unika verżjoni u spjegazzjoni li nġiebet quddiem il-Qorti minn waħda mill-partijiet għal dan il-ftehim kienet dik tas-soċjetà intimata bix-xhieda ta' James Genovese.

## Kif għandu jikklasifika ruħu r-rikorrent

49. Ġaladarba allura ġie affermat illi n-numru massimu ta' impjegati li setgħu jibbenefikaw mill-iskemi maqbula bejn is-soċjetà intimata u l-*Union of Cabin Crew* fil-ftehim tad-19 ta' Mejju 2017 kien dak ta' sittin (60) impjegat, il-Qorti trid issa tistħarreġ jekk ir-rikorrenti kellux ikun wieħed minn dawk is-sittin impjegat.

50. Illi kif jidher mid-dokument immarkat Dok JG1 eżebit a fol 72, ir-rikorrenti kien ġie kklassifikat fin-numru tmienja u sittin (68) iżda imbagħad kien hemm sebgħa (7) persuni li l-applikazzjoni tagħhom ġiet *withdrawn* jew kienu *re-depolyed*. Illi b'hekk l-attur tela' għall-pożizzjoni numru wieħed u sittin (61) kif jispjega wkoll James Genovese fix-xhieda tiegħu mogħtija fid-9 ta' Frar 2022 (fol 62 et seq u fol 64 kif ukoll fol 82 et seq).

51. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrrenti fl-affidavit tiegħu jsemmi l-każijiet ta' impjegati oħra senjatament Ian Gauci Borda, Antoinette Bianchi u Ingrid Cutajar Engerer.

52. Illi Qorti tirrileva illi għal dak li għandu x'jaqsam ma' Ian Gauci Borda u ma' Ingrid Cutajar Engerer, il-Qorti mhux ser tkun qiegħda tissofferma ħafna fuqhom stante illi dawn iż-żewġ impjegati kienu applikaw u kienu eliġibbli għall-iskema, ġew klassifikati fit-tmienja u ħamsin post (58) u fid-disgħa u ħamsin post (59) rispettivament, u kienu tħallsu s-somma allokata lilhom skont l-iskema. Illi b'hekk kellhom ikunu parti minn dawk is-sittin (60) impjegat li jibbenefika mill-iskema.

53. Illi fil-każ ta' Ian Gauci Borda, kif jispjega kemm James Genovese fix-xhieda tiegħu fol 65 et seq u anke l-istess Ian Gauci Borda meta xehed quddiem din l-Qorti fit-12 ta' Mejju 2022, meta huwa applika għall-iskema kien jaħdem mas-soċjetà intimata Air Malta u kien ukoll jaħdem mal-Gvern. *Quindi*, l-klawżoli 2.6 u 2.18 tal-ftehim ma kinux applikabbli għalih. Infatti, l-istess James Genovese jispjega:

*"Ix-Xhud:*
*Jekk inti tibbenefika mill- iskema. Pero', dik hija kienet intiża, u dak iż- żmien konna ħadna parir legali, kienet, li inti ma tistax, ħadt l- iskema minn mal- Air Malta u mort taħdem mal- Gvern għat- tlett snin ta' wara. Sewwa? Pero' dan kien diġa jaħdem mal- Gvern. Qed tifhem? Dik id- distinzjoni li hemm.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Okay*

*Ix-Xhud:*
*Iġifieri jew jien ħadt iċ- cheque, ma nistax immur naħdem mal- Gvern. That's granted. Jiena ġa naħdem mal- Gvern u ħadt iċ-cheque biex nitlaq minn mal- Air Malta. So, Ian Gauci Borda kien it-tieni xenarju tal- ;*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri biex nifhem ftit jien, Ian Gauci Borda kien qisu re-deployed?*

*Ix-Xhud:*
*No Ian Gauci Borda kien.*

*Dr. Andrew Borg Cardona:*
*Kien diġa deployed anzi.*

*Ix-Xhud:*
*Kien diġa deployed mal- gvern, he was already deployed, and that is why.*

*Il-Qorti:*
*Kien deployed diġa, iġifieri kien diġa qiegħed.*

*Ix-Xhud:*
*Diġa jaħdem mal- Gvern, iġifieri aħna aħna, l- iskema tgħid illi inti ma tistax tieħu cheque u tmur taħdem mal- Gvern.*

*Il-Qorti:*
*Okay.*

*Ix-Xhud:*

*Dan kien diġa jaħdem mal- gvern u għamel użu frutt mill- iskema."*

(fol 65 et seq-66)

54. Infatti l-istess Ian Gauci Borda fix-xhieda tiegħu jispjega illi huwa kien applika għal din l-iskema u kien ibbenefika minnha għax tħallas is-somma (fol 78).

55. Illi għal dak li għandu x'jaqsam ma' Ingrid Cutajar Engerer ġie rilevat illi din l-impjegata kellha problemi ta' saħħa u li b'hekk il-każ tagħha kien ġie trattat qabel l-impjegati l-oħra u b'mod aktar spedit. Illi kif jispjega l-istess James Genovese fix-xhieda tiegħu din l-impjegata kienet ibbenefikat mit-termini tal-iskema qabel ma' ħarġet l-iskema. Infatti fix-xhieda tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2022, James Genovese jispjega illi s-Sinjura Ingrid Cutajar Engerer kienet applikat u tħallset qabel infetħet l-iskema billi l-każ tagħha kellu jiġi trattat b'mod urġenti, infatti hija mietet f'Marzu tas-sena 2018 waqt li l-iskema kienet miftuħa.

56. Illi l-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tanalizza l-każ ta' Antoinette Bianchi. Illi meta wieħed jara d-Dokument JG1 fol 72, ħdejn isem din l-impjegata (klassifikata fil-wieħed u tletin post (31)) hemm imniżżel il-kelma *"disputed"*.

57. L-attur fl-affidavit tiegħu jispjega illi:

    *"Jirriżulta minn atti pubbliċi fi proċeduri legali, illi mpjegata tal-Air Malta, ċertu Antoinette Bianchi, li tinsab magħduda mal-lista ta' 60, ddikjarat allura pubblikament li mhux interessata li tieħu l-VRS iżda trid tibqa' taħdem mal-kumpanija. Din jixhdu l-fatt, li sa fejn jien infurmat, is-sinjura Bianchi qatt ma ġabret iċ-ċekk tagħha. Jiena infurmat li l-kumpanija sfurzat lil din il-persuna biex tapplika għall-iskema kontra r-rieda tagħha u din għamlet dan 'taħt protest'. Dan ifisser li din il-persuna okkupat post mil-lista ta' 60 bla ma ħadet is-somma u jekk, kif inhu xieraq, din tinqata' minn fuq il-lista, jiena nikklassifika fis-60 post"* (fol 32-33).

58. Illi fuq il-kwistjoni ta' Antoinette Bianchi, James Genovese fix-xhieda tiegħu mogħtija fid-9 ta' Frar 2022 jtenni s-segwenti:

    *Ix-Xhud:*
    *Issa, Antoinette Bianci, erm qiegħed disputed, għalfejn? Biex infiehem ftit, Antoinette Bianci lestejna il- proċess kollu, ħrignilha iċ-cheque, meta ġiet biex tieħu iċ-cheque hi qaltilna li l- kumpanijja keċċietha, erm u ċ-cheque ma ħaditux u fetħitilna kawża l- Qorti. Dak il- dil- persuna partikolari għax .... kawża għaddejja.*

    *Ix-Xhud:*
    *Hemm kawża għada għaddejja fil- Qorti. Tajjeb? Mela.*

    *Dr. Andrew Borg Cardona:*
    *Pero' ma tħallsitx, hemm din il- kawża.*

    *Ix-Xhud:*
    *Imma ċ- cheque għadu hemm, għax aħna qed nistennew deċiżjoni x' nagħmlu? Intuhulha, ma ntuhulhiex, nieħduh lura bla bla bla."*

(fol 63 et seq)

59. Fix-xhieda tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2022, James Genovese jkompli jispjega fuq il-kwistjoni ta' Antoinette Bianchi u jgħid illi:

*"Dr Andre Borg:*
*...... fir-rigward ta' Antoinette Bianchi issa ... inti semmejt fil-bidu tax-xhieda tiegħek ta' llum illi l-kumpanija anke lestiet iċ-cheque pero' s-Sinjura Bianchi ma ġabritux. Tispjega daqxejn fir-rigward ta' Antoinette Bianchi, il-kumpanija kif imxiet?*

*Ix-Xhud :*
*Ara Antoinette Bianchi kienet ġiet, għax kont preżenti ... kienet ġiet tapplika emm ... personalment emm ... meta ġiet tapplika ... applikat pero mbagħad fl-istess ħin she handed over emm ... a legal letter. Emm ... pero ...*

*Dr Andre Borg :*
*Imma kienet applikat.*

*Ix-Xhud :*
*Applikat. Jiena tajtha rċevuta tajjeb. U jiena l-fatt li applikajt għalija ... ifisser li trid titlaq minn mal-kumpanija u trid il-flus. U jiena rrelevanti minn dik il-legal letter, tajjeb ... għax jiena għandi skema li torbtok u li fiha l-kundizzjonijiet tagħha, jekk inti taqa' within those conditions, mela eliġibbli, mela għalija nista' mmexxi. Konna ... konna bgħatna għaliha u għidnilha tista' tiġbor iċ-cheque u l-impjieg tagħha se jiġi terminat u jekk m'inhix sejjer żball kien xi October ... pero emm ... imbagħad bdew il-proċeduri legali. Jekk ... jekk niftakar sewwa dak iċ-cheque konna anke preżentajnieh quddiem it-Tribunal ... emm ... biex nuruhom illi isma' dan iċ-cheque huwa vera ... huwa ħaj, dan hu. Issa minn dak iż-żmien 'l hawn dak iċ-cheque skada u allura pero ... dawk il-flus li kienu vvutati għal dik il-persuna emm ... huma fil-kotba tal-kumpanija biex skont kif tinqata' din il-kawża mbagħad nimxu minn hemm. Iġifieri għalija xorta għadha waħda mis-sittin (60).*

*Dr Andre Borg :*
*Sa llum.*

*Ix-Xhud :*
*Sa llum"*

..........

*Dr Andre Borg :*
*Pero jekk terġa' tidħol lura mal-kumpanija ... hija a bażi tas-sentenza, dejjem qed ngħidu jekk il-Qorti tal-Appell tikkonferma dik is-sentenza tat-Tribunal Industrijali. U allura l-impjegata terġa' tidħol lura"*

(fol 85A et seq-86)

60. Il-Qorti tirrileva illi waqt is-smigħ tal-kawża odjerna, l-kawża ta' Antoinette Bianchi kemm quddiem it-Tribunal Industrijali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell ġiet deċiża[3]. Infatti kopja ta' dawn is-sentenzi jinsabu eżebiti fol 89-149. Illi l-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fl-intier tagħha lis-Sinjura Antoinette Bianchi *"għandha tingħata l-impjieg lura mal-kumpanija Air Malta plc immedjatament u tingħata dak ix-xogħol li jirrispetta l-kompetenza, il-grad u d-dinjita' tagħha"* (fol 149).

61. In seguito ta' dawn id-deċiżjonijiet, James Genovese xehed fl-10 ta' Lulju 2023 fejn fuq din il-kwistjoni jgħid kif ġej:

> *"Dr Matthew Cutajar :*
> *Grazzi Sur Imħallef mela Sur Genovese l-ewwel domanda hija din ... kif taf għaliex niftakar li kont preżenti fl-aħħar seduta minn naħa tagħna konna ppreżentajna żewġ sentenzi inkluż sentenza tal-Qorti tal-Appell rigwardanti ċertu Antoinette Bianchi. Kawża li Antoinette Bianchi kellha kontra l-Air Malta. Inti sa fejn niftakar jiena kont ikkonfermajt illi bħal Air Malta kontu ħadtu konjizzjoni tagħhom dawk is-sentenzi ? Tafu x' fihom u tafu x'inhu l-kontenut tagħhom. Issa tispjegali ftit x'inhija l-pożizzjoni tal-kumpanija issa li ngħataw dawn is-sentenzi ? U l-għaliex il-kumpanija qed tieħu dik il-pożizzjoni ?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Il-pożizzjoni tagħna rigward din l-iskema fejn kien applika Alex emm ... għalina dik l-iskema hija magħluqa. Issa jiġri x' jiġri minn dawk il-persuni illi kellhom jieħdu jew ħadu emm ... is-somom biex jitilqu minn mal-kumpanija ... aħna għalina l-pożizzjoni tagħna hi dik l-iskema magħluqa tajjeb u mhix ħa terġa' tinfetaħ. Jiġifieri dak iż-żmien kien hemm il-kriterji tan-nies li kienu applikaw u ntgħażlu skont il-kriterji kif kont spjegajt l-aħħar darba. Issa jekk kien hemm u qed nirreferu għal Antoinette Bianchi illi kellha xi kwistjonijiet emm ... wara illi konna tajniha ċ-ċekk u dawn l-affarijiet kollha u l-Qorti ddeċidiet illi emm ... aħna nerġgħu ndaħħluha lura pero l-pożizzjoni tal-kumpanija hija li dik l-iskema hija magħluqa.*
>
> *Dr Matthew Cutajar :*
> *Sewwa issa ħa nirrinfriskalek ftit il-memorja. Inti sa fejn niftakar jiena wkoll fl-aħħar seduta kont irrimarkajt meta għamilna referenza għal dawn is-sentenzi illi waħda mir-raġunijiet il-għaliex m'intomx qed tikkunsidraw ftehim barra mill-Qorti mas-sur Spiteri kienet propju l-għaliex m'hemmx fondi ... m'għadx fadal fondi. Tikkonfermali jekk dan huwiex il-każ ?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Ifhem ma nistax ngħidlek jiena eżatt m'iniex il-bniedem li ngħidlek għax f'dan il-każ irid jrid iwieġeb il-chief financial officer ... pero dak iż-żmien ...*
>
> *Dr Matthew Cutajar :*
> *Jien qed nistaqsik fuq dak li għidt l-aħħar darba fis-seduta li għaddiet ...*

[3] Il-kawża quddiem it-Tribunal Industrijali ġiet deċiża fil-11 ta' Marzu 2022 filwaqt illi dik quddiem il-Qorti tal-Appell ġie deċiża fis-16 ta' Novembru 2022.

*Ix-Xhud :*
*Ara jiena naf li dak iż-żmien meta konna għamilna l-calculations kemm se tiswina abbażi ta' kemm kienu jaqilgħu bla bla bla ... dak iż-żmien kienu ġew ivvutati xi flus. Jiġifieri l-kumpanija tivvota xi flus biex meta tiġi biex toħroġ iċ-ċekkijiet it makes sure li jkollha l-flus fit-teżor.*

*Il-Qorti :*
*Ikunu budgeted ?*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt. Tibbudgetja dik il-biċċa għal ... għall-iskema partikolari. Issa xi ħaġa fuq ħames (5) snin ilu jekk għadx hemm dawk il-fondi ma nafx nirrispondik.*

*Dr Matthew Cutajar :*
*Ok mela l-aħħar domanda u relatata ma' dan li għadni kif staqsejtek issa. Inti fix-xhieda tiegħek tad-9 ta' Frar 2022 kont għidt hekk ... issa Antoinette Bianchi emm ... qiegħed f'dispute għalfejn ... biex infiehem ftit Antoinette Bianchi lestejna l-proċess kollu, ħriġnilha ċ-ċekk, meta ġiet biex tieħu ċ-ċekk hi qaltilna li l-kumpanija keċċietha u ċ-ċekk ma ħaditux u fetħitilna l-kawża il-Qorti. Imbagħad tkompli tgħid ukoll illi ċ-ċekk għadu fil-kexxun tagħna.*

*Ix-Xhud :*
*Ma ssarrafx hux.*

*Dr Matthew Cutajar :*
*Ma ssarrafx. Sewwa ... imma ngħid sew illi allura dawk il-fondi teknikament għadhom allokati għall-iskema tal-VERS? Dak iċ-ċekk għadu fil-kexxun biex niftiehmu ?*

*Ix-Xhud :*
*Iċ-ċekk jiskadi wara sitt (6) xhur. Jiġifieri emm ... issa jekk dawk il-fondi ... nerġa' ngħidlek ... għax ħa nerġa' nwieġbek bħal ma weġibtek diġa. Dawk il-flus jekk għadhomx available bħala parti mill-iskema jiena prima facia ngħidlek le. Imma m'iniex il-bniedem illi jwieġeb għal din id-domanda għax jiena ma nidħolx fit-teżor tal-kumpanija fhimt ... ma nidħolx ... I am not the treasury ... jiġifieri jiena nidħol fi kwistjonijiet industrijali. Issa mbagħad ...*

*Dr Matthew Cutajar :*
*Mela ha ... forsi ha nirriphraseja ftit id-domanda wkoll ... ngħid sew illi dawk il-fondi li kienu allokati għall-Antoinette Bianchi ma ġewx fil-fatt applikati ai fini tal-VERS. Iġifieri dawk il-fondi ma ntużawx ?*

*Ix-Xhud :*
*Ma ntużawx.*

*Dr Matthew Cutajar :*
*Għall-finijiet tal-VERS ?*

*Ix-Xhud :*
*Ma ntużawx.*

......

*Dr Eve Borg Costanzi*
*L-aħħar domanda ... naqblu illi jiġifieri jekk tneħħi lil Antoinette Bianchi mill-lista ta' sittin (60) is-sur Alex Spiteri jitla' fis-sittin (60) post ?*

*Ix-Xhud :*
*Illum iva. Dak iż-żmien le. Meta għalqet l-iskema ... meta għalqet l-iskema Antoinette Bianchi kienet parteċipi fl-iskema".*

(fol 163-165 u fol 169)

**Każ ta' Antoinette Bianchi**

62. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għal xi siltiet mis-sentenzi hawn fuq ċitati u għal fatti tal-każ ta' Antoinette Bianchi għal dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tagħha għall-iskema tal-VERS. Kif provdut fis-sentenza tat-Tribunal Industrijali, mal-applikazzjoni tagħha għall-VERS hija annettiet ukoll ittra ffirmata mingħand l-avukat tagħha fejn infurmat lis-soċjetà intimata illi avolja kienet qiegħda ddaħħal applikazzjoni għal VERS hija xorta waħda ma kinitx qiegħda taċċetta l-kundizzjoni marbuta mal-istess skema li tirrinunzja għal kwalsiasi pendenza li għandha fil-konfront tal-Air Malta plc. In oltre, fl-istess sentenza hemm imniżżel is-segwenti:

> *"Fl-1 ta' Marzu 2018, il-kumpanija ħarġet skema ta' irtirar kmieni fosthom il-Voluntary Retirement Scheme li s-Sa Bianchi kienet tikkwalifika għaliha. Fid-dawl ta' dan il-kumpanija permezz tac-Chief Human Resource Officer daħlet f' "understanding" mal-Union tal-Cabin Crew li l-kumpanija tħallas lis-Sa Bianchi il-paga xahar b'xahar sakemm toħroġ l-iskema u meta l-iskema tkun pubblikata, r-rikorrenti tapplika għaliha. L-alternattiva għal dan kienet tkun terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti"* (fol 138).

63. Illi jidher illi s-soċjetà intimata kienet ipproċessat l-applikazzjoni ta' Antoinette Bianchi, ħarġitilha ċ-ċekk, iżda s-Sinjura Bianchi kienet irrifjutatu u qatt ma marret tiġbru. It-Tribunal isostni illi:

> *"L-applikazzjoni għal VERS tas-Sa Bianchi hija azzjoni li tifforma parti minn saga sħiħa ta' ħafna snin fejn matulhom kien hemm attentat wara ieħor biex ir-rikorrenti tinnormalizza x-xogħol u l-impjeg tagħha mal-Air Malta. Għalhekk l-episodju tal-applikazzjoni m'għandux ikun interpretat f'isolament minn dak kollu li sar fiż-żmien ta' qabel il-ħruġ tal-applikazzjonijiet għall-iskemi"* (fol 144-145).

64. Illi l-istess sentenza tipprovdi illi c-Chief Human Resource Officer naqas milli jagħmel lil Antoinette Bianchi offerta ta' xogħol, u naqas milli jisma' r-reazzjoni tagħha u:

> *"Minflok għażel li jaddotta attitudni paternalistika u jiddeċiedi, mingħajr konsultazzjoni mar-rikorrenti, it-triq li għandha tieħu s-Sa Bianchi, jiġifieri*

*dik li tapplika għall-iskema u bħala konsegwenza taqta' r-relazzjoni ta' xogħol li kellha mal-kumpanija"* (fol 146).

Infatti, referenza ssir għax-xhieda ta' Roberto Cristiano fejn qal illi:

*"kien hemm diskussjonijiet mal-Union and we encouraged the Union li tapplika. U Antoinette Bianchi kienet waħda mill-applikanti"* (fol 146).

65. It-Tribunal fis-sentenza tiegħu jisħaq illi:

*"It-Tribunal ifakkar li l-iskop ta' skema ta' rtirar huwa li jħaffef ir-ristrutturar tal-kumpanija u mhux biex jissolvew problemi personalizzati li tul is-snin ikunu baqgħu pendenti. Skemi bħal dawn mhumiex intenzjonali biex b'pinzellata waħda jissolvew problemi varji li jkunu akkumulaw tul iż-żmien.......... Jidher mix-xhieda li l-impjegati l-oħra li kienu jikkwalifikaw għall-iskemi, ma kellhom bżonn tal-ebda inkoraġġament personalizzat biex japplikaw għall-iskemi* (fol 147 u fol 148).

66. Illi fil-parti konkluživa tas-sentenza t-Tribunal jtenni s-segwenti:

"*Applikazzjoni li a priori tirrifjuta li taċċetta l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-istess applikazzjoni, hija bla effett. Għalhekk kellha tiġi rifjutata u mhux ipproċessata"* (fol 149).

67. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-Qorti ssostni illi:

*"Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellata mhijiex qegħda takkampa mal-applikazzjoni tagħha sabiex tikkwalifika għall-iskema ta' irtirar volontarju, u l-uniku interess tagħha fil-proċeduri odjerni huwa li titħalla tidħol lura fl-impjieg u mhux biex tingħata l-kumpens taħt l-iskema tal-irtirar volontarju"* (fol 130).

## Ikkunsidrat

68. Illi fid-dawl ta' dan kollu hawn fuq delineat, il-Qorti tqis illi meta Antoinette Bianchi ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha għall-iskema tal-VERS hija ma għamlithiex għaliex xtaqet illi tibbenefika mill-iskema. Anzi bil-kuntrarju, Antoinette Bianchi ma riditx titlaq mill-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata, tant huwa hekk illi intavolat proċedura quddiem it-Tribunal Industrijali għat-tkeċċija inġusta. Kif jidher mill-qari tas-sentenza supraċitati s-soċjetà intimata kienet eżerċitat pressjoni fuqha sabiex tapplika għal din l-iskema bl-għan illi jsolvu l-problema li kellhom bl-impjieg tagħha.

69. Illi b'hekk din il-Qorti tħoss illi Antoinette Bianchi ma kellha qatt tkun inkluża fil-lista tas-sittin (60) impjegat li setgħu jibbenefikaw mill-iskema. Tant kemm huwa hekk illi fid-Dokument JG1 fol 72 il-pożizzjoni tagħha kienet ċara mill-ewwel u għalhekk kienet imniżżla bħala *"disputed"*. Illi l-istess Tribunal Industrijali fid-deċiżjoni tiegħu jmur pass oltre u jsostni illi tali applikazzjoni ma kellha qatt tiġi aċċettata u li b'hekk is-soċjetà konvenuta kienet żbaljata mhux biss li ma rrifjutatiex iżda li pproċessata u li permezz tagħha ġie terminat l-impjieg ta' Antoinette Bianchi.

70. In oltre, l-Qorti ma tistax tikkondividi dak espress mis-soċjetà intimata illi allavolja Antoinette Bianchi reġgħet, in seguito għall-pronunzjament tas-sentenzi hawn fuq imsemmija, ingħatat l-impjieg, issa l-iskema kienet għalqet, allura l-attur xorta ma jistax jibbenefika minnha. Il-Qorti tqis illi Antoinette Bianchi qatt ma kellha tkun parti minn dik il-lista ta' sittin (60) impjegat li setgħu jużufruwixxu mill-iskema u b'hekk konsegwentament Antoinette Bianchi għandha titneħħa minn tali lista. Dan ifisser illi l-attur għandu jimxi pożizzjoni 'l fuq, b'dan illi huwa għandu jitqies illi qiegħed fil-pożizzjoni numru sittin (60) u għalhekk għandu jibbenefika mill-iskema tal-VERS.

71. Għaldaqstant, abbażi ta' dan kollu u b'rabta għat-tielet u r-raba' talba tal-attur, il-Qorti tagħmel referenza għall-ftehim datat 19 ta' Mejju 2017, kif ukoll għall-affidavit tal-attur fejn huwa jispjega illi:

> *"Jien kont eliġibbli għall-iskema VRS, kategorija B, li kienet għall-ħaddiema li kienu ilhom jaħdmu mal-kumpanija għal aktar minn 5 snin imma inqas minn 10 snin u tammonta għal 60,000 ewro"* (fol 30).

72. L-istess jafferma fix-xhieda tiegħu James Genovese meta a fol 83 huwa jtenni illi*:*

> *".... Alex Spiteri kellu claim....il-claim ta' Alex Spiteri hi ta' sittin elf (60,000)"* .

73. Jirriżulta għalhekk illi s-somma dovuta lir-rikorrenti tammonta għal sittin elf Ewro (Ewro 60,000).

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata;

**Tilqa'** t-talbiet tal-attur u konsegwentement:

**Tiddikjara** illi s-soċjetà intimata rrifjutat l-applikazzjoni magħmula mir-rikorrenti għall-VERS bi ksur tal-ftehim milħuq bejn l-Union rappreżentattiva tar-rikorrenti u s-soċjetà intimata;

**Tiddikjara** illi r-rikorrenti għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, huwa intitolat jieħu l-benefiċċju tal-VERS skond l-iskema lilu offruta fit-22 ta' Frar 2018;

**Tillikwida** s-somma dovuta lir-rikorrenti fl-ammont ta' sittin elf Ewro (Ewro 60,000);

**Tikkundanna u tordna** lis-soċjetà konvenuta tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sittin elf Ewro (Ewro 60,000) bl-interessi dekoribbli mid-data tal-ittra uffiċjali, ossija 9 ta' Awissu 2019, sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjetà intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**